MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Talba Numru. 1076/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Josephine Grixti (K.I. 534265M)**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ disa’ mija wiehed u ghoxrin ewro u disgha u tmenin centezmu (€921.89) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 428813 u dan fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan l-att u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie prezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2011 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------